20 ta' Jannar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Assunta Pace pr. et ne. *versus* Antonio Pace

## Alimenti Futuri — Emigrazzjoni

*L-alimenti futuri jistgħu jiġu kawtelati, meta d-debitur jittanta li jeħles inġustament mill-ħlas tagħhom.*

*Fil-każ preżenti, irriżulta li l-konvenut kien veru l-intenzjoni tiegħu li jemigra, u li b'hekk jiġi preġudikat id-dritt ta' l-attriċi martu u ta' uliedu għall-perċezzjoni ta' l-alimenti lilhom dovuti minnu; u l-Qorti ordnat lill-konvenut li, fil-każ li jsiefer, jiddepożita somma ta' flus ta' £1,000 għall-finijiet ta' l-assikurazzjoni ta' l-adempiment ta' l-obligu tiegħu li jmantni lill-martu u lill-uliedu, jew iġib garanzija valida għall-istess ammont.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti

opportuni, billi l-konvenut qiegħed jonqos mill-obbligu li jmantni lill-instanti u liż-żewġ ulied komuni minuri Giuseppa u Maria; u billi l-instanti, fuq suspett fondat illi l-konvenut sejjer isiefer, talbet u otteniet minn din l-Onorabbli Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenut in kawtela tad-dritt tagħha għall-alimenti futuri; talbet (1) illi l-konvenut jiġi kundannat jissomministra lill-attriċi, għaliha u għall-imsemmijin uliedha minuri Giuseppe u Maria, pensjoni alimentarja fl-ammont u taħt il-modalitajiet li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti; u (2) illi, in kawtela ta' l-alimenti futuri, jiġu mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji biex jiġi assikurat l-adempiment ta' l-obligi tal-konvenut kif stabbiliti minn din l-istess Qorti fil-każ li l-konvenut isiefer. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-8 ta' Ġunju, 1953, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma jidherx li taħt iċ-ċirkustanzi jista' jkun hemm kwistjoni dwar id-dritt ta' l-attriċi u wliedha għall-alimenti. Jirriżulta illi l-konvenut jaħdem .........;

Illi, kwantu għat-tieni talba, ġie ritenut mill-Qrati Tagħna illi l-alimenti futuri jistgħu jiġi kawtelati meta d-debitur jittanta li jeħles inġustament mill-ħlas ta' l-alimenti (Kollez. XXX-II-325). Issa, jirriżulta mix-xhieda mhux kontrastata ta' l-attriċi, illi l-konvenut wera l-intenzjoni li jemigra, u b'hekk jiġi preġudikat id-dritt ta' l-attriċi u wliedha għall-perċezzjoni ta' l-alimenti lilhom dovuti;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja ta' £2.10.0 fil-ġimgħa .........;

Tilqa' t-tieni talba, billi tordna lill-konvenut biex, fil-każ li jsiefer, għall-finijiet ta' l-assikurazzjoni ta' l-adempiment ta' l-obligu tiegħu li jmantni lill-attriċi u liż-żewġ uliedu kif fuq, jiddepożita s-somma ta' elf lira sterlna (£1,000), jew iġib garanzija valida għall-istess ammont;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.